MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 412/2009

**Margaret Rose Galea (K.I.60552) f'isimha propju u f'isem zewgha Joseph Galea (K.I. 819553)**

**-vs-**

**Michael Said (K.I. 98058) u martu Rita Said (K.I. 492364)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors mahluf presentat mill-atturi bil-beneficcju tal-ghajnuna legali fit-30 ta' April 2009 fejn jinghad hekk -

"1. Illi b'kitba privata tat-2 ta' Gunju 2004 – DOK B – l-esponenti dahlet fi ftehim ta' bejgh lill-intimandi tal-ishma li hija kellha fis-socjeta' Marsa Steel Co. Ltd. (C3802) bil-pattijiet u kondizzjonijiet hemm miftehma ;

2. Illi minbarra l-hlas tal-ammont miftiehem hemm stipulat ukoll il-hlas tal-imghax ;

3. Illi l-intimandi naqsu milli jhallsu l-imghax mis-sena 2004 sal-2008 fl-ammont ta' tlett elef tliet mija sebgha u sittin Ewro u tlettax-il centezmu (€3367.13), il-bilanc tal-kapital ta' tmint elef tmien mija wiehed u hamsin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€8851.62), li wara l-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru 2008 bhalissa ghaddej imghax fuqu ta' 8% u li sal-ahhar ta; April 2009 dan l-imghax tela' ghal mitejn tnejn u tletin Ewro u tmenin centezmu (€232.80) – li b'kollox jaghmlu tnax-il elf erba' mija wiehed u hamsin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€12,451.55) – kif jidher ahjar mill-kuntegg DOK C ;

4. Illi ghalkemm interpellati jhallsu l-ammont dovut bl-ittra ufficjali msemmija l-intimandi baqghu ma hallsu xejn ;

5. Illi fil-fehma tal-esponenti l-intimandi ma ghandhom l-ebda eccezzjoni valida xi jressqu ;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob li l-intimandi jghidu ghala din il-Qorti m'ghandhiex, bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Art. 167 tal-Kap.12 –

1. tiddikjara li r-rikorrenti hija kredetrici tal-intimandi fl-ammont cert, likwidu u skadut ta' €12,451.55 ; u

2. tikkundanna lill-intimandi jhallsuha din is-somma ta' €12,451.55.

Bl-ispejjes – fihom maghduda dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru 2008 – kontra l-intimandi, imharrka minn issa in subizzjoni, u bl-imghax ulterjuri sad-data tal-hlas."

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors mahluf..

Rat li l-konvenuti kienu debitament notifikati bl-atti attrici fis-16 ta' Gunju 2009.

Rat li meta l-konvenuti ssejhu ghal tliet darbiet fl-udjenza tal-kawza tat-2 ta' Lulju 2009 ma dehrux.

Peress li t-talba attrici tidher gustifikata u hemm lok li tinghata sentenza llum stess bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, a tenur tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ tnax-il elf erba’ mija wiehed u hamsin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€12,451.55), bl-imghax ulterjuri kif mitlub, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------